**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 27 ta’ Jannar, 2017**

Kawza Numru: 1/2017JB

Numru: 18

**Lawrence Attard (K.I.: 28075G)**

***vs***

**Id-Direttur (Progetti u Zvilupp) fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-2 ta’ Jannar 2017 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ elf, hames mija u tmenin euro (€1,580) liema somma tirraprezenta prezz ta’ garr ta’ materjal mill-Wied ta’ Marsalforn ghax-Xatt ta’ Marsalforn. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 116/2016 u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum (a fol 6);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 2ter), laqa’ ghal din l-azzjoni billi nhar l-24 ta’ Jannar 2017 ipprezenta risposta fejn fiha eccepixxa dan li gej:

1. Illi in linea preliminari t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda stante illi kif intavolata ma tistax tregi u dan peress li s-servizz li kellu jwettaq ir-rikorrenti ma kienx xoghol ta’ garr ta’ materjal imma kiri ta’ trakk tieghu lid-Direttorat (Progetti u Zvilupp) li minnu hu responsabbli l-eccipjenti;

2. Illi anke kieku s-servizz kien jikkonsisti f’garr ta’ materjal, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta a tenur tal-Art. 2147(d) tal-Kap. 16;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, jekk ir-rikorrenti qed jirreferi ghal din il-kirja ta’ trakk, it-talba tieghu hija preskritta a tenur tal-Art. 2148(f) tal-Kap. 16;

4. Illi fil-mertu l-ammont reklamat mhux dovut u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ta' appalt. L-Attur jghid li hu tqabbad mill-Konvenut sabiex iwettaq xoghol f'Marsalforn. Il-Konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li l-appalt ma kienx xoghol ta' garr ta' materjal imma kiri ta' trakk. Jeccepixxi wkoll il-preskrizzjoni partikolari taht l-Art. 2147(d) tal-Kap. 16 u l-Art. 2148(f) tal-Kap. 16 u fil-mertu li l-ammont reklamat mhux dovut.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta mhux kontestat li f'Gunju 2014 l-Attur gie mqabbad mid-Dipartiment (Progetti u Zvilupp) fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex sabiex jaghmel xi xoghol gewwa Marsalforn. Minn dak li xehed l-Attur – kif anke konfermat miz-zewg xhieda prodotti mill-Konvenut – jidher li dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'li jingabar materjal mill-Wied ta' Marsalforn u jittiehed lejn il-Menqa ta' Marsalforn sabiex jintrema. Ma jidhirx li hemm kwistjoni dwar l-ghadd ta' vjeggi li saru. L-unika kontestazzjoni tirrigwarda r-rata. L-Attur qieghed jippretendi li jithallas bir-rata ta' €40-il vjegg, fil-waqt li x-xhieda tal-Konvenut jinsistu li tali rata tapplika biss ghal vjeggi li jsiru minn lant tax-xoghol ghal gewwa radam approvat; ghal garr lejn il-Menqa, jidher li d-Dipartiment ihallas bir-rata ta' €20-il vjegg (jew ahjar, zewg vjaggi jintghaddu ta' wiehed). Issa mill-provi johrog li bejn il-kontendenti ma kienx hemm ftehim bil-quddiem. L-Attur jghid li hu dejjem thallas bir-rata ta' €40 u in sostenn ta' dan ipprezenta ghadd ta' dokumenti, inkluz kontijiet ghal servizzi simili prestati precedentement. Ix-xhieda prodotti mill-Konvenut jghidu li f'xi zmien ir-rata ghal dan ix-xoghol kienet giet stabbilita ghal dik attwali imma ma jgibux prova li tali arrangament kien miftiehem mal-Konvenut. Sinifikattiv li mix-xhieda tal-Konvenut jirrizulta li l-unika kwistjoni tirrigwarda r-rata u mhux jekk ix-xoghol sarx, sal-punt li jirrizulta ppruvat li jekk dan jipprezenta kontijiet bir-rata accettabbli ghad-Dipartiment, dawn jghaddu ghall-pagament minnufih.

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal sejjer qabel xejn jitratta l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ppernjata fuq l-Art. 2147(d) tal-Kap. 16 li jipprovdi li "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena ...*

*l-azzjonijiet tal-vetturali bl-art jew bil-baħar, imsemmijin fl-artikoli 1628 sa l-1631, għall-ħlas tal-kirjiet jew tal-pagi tagħhom.*"

Illi t-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija ppernjata fuq l-Art. 2148(f) tal-Kap. 16 li jipprovdi li "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar … l-azzjonijiet ta' kull persuna, ghall-kera ta' hwejjeg mobbli.*"

Illi mill-assjem tal-provi jidher bic-car li l-Konvenut qieghed jagħraf il-jedd tal-Attur, li kontra tieghu il-preskrizzjoni bdiet miexja. Johrog mill-provi li l-uniku ostaklu ghall-hlas huwa n-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rata li biha ghandu jithallas. Fil-fehma tat-Tribunal, dan jekwivali ghal rikonoxximent tad-debitu, u kwindi, a tenur tal-Art. 2133 tal-Kap. 16, il-preskrizzjoni inkisret.

Ghalhekk iz-zewg eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni ossia t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, se jigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolati l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni jifdal li jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet fil-mertu;

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-mod kif giet postulata l-kawza billi fil-waqt li l-Attur jghid li x-xoghol kien ta' garr, id-Dipartiment jghid li x-xoghol kien ta' kiri ta' trakk.

Issa mil-assjem tal-provi jidher bic-car li s-servizzi ma kienux sempliciment jikkonsistu fil-kera tat-trakk imma t-trakk kien munit ukoll b'xufier. Isegwi ghalhekk li din l-eccezzjoni ma tregix u se tigi michuda;

Ikkunsidra;

Illi ghalhekk jifdal li tigi trattata l-ahhar eccezzjoni u cjoe dik li l-ammont mhuwiex dovut.

It-Tribunal qies sew il-provi li jinsabu in atti. Minn dak li xehdu l-kontendenti, jidher li l-kontestazzjoni kollha tirrigwarda l-prezz, jew ahjar ir-rata tax-xoghol. Minn ezami tal-provi jidher li l-Attur kien taht l-impressjoni li r-rata hija dik ta' €40 ghal kull vjagg. Il-Konvenuti deherilhom li din kienet gholja tenut kont li d-distanzi huma qosra u rrifjutaw li jhallsu.

Fil-fehma tat-Tribunal, wiehed ghandu jqis x'kien l-akkordju bejn il-partijiet. Fil-kaz odjern, dan ix-xoghol sar b'*direct order*, u ma jidhirx li kien hemm xi forma ta' dokumentazzjoni li tista' tixhet dawl. Fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni, it-Tribunal iqis li ghandu javvalla l-pozizzjoni espressa mill-Attur li meta gie kuntrattat dan fehem li kienet se tigi applikata r-rata tas-soltu.

It-Tribunal qies fit-tul dwar dan, u qies bir-reqqa d-dokumenti. Fil-waqt li jifhem u japprezza dak li qed jinghad mill-Konvenut li d-distanza hija qasira, hu car li f'appalti pubblici it-termini u l-kundizzjonijiet ghandhom ikunu cari. Fil-kaz odjern, mhawn xejn car u ghalhekk, it-Tribunal ma jistax ma joqghodx fuq dak li kien miftiehem f'cirkostanzi analogi li sehhew precedentement.

Fic-cikostanzi ghalhekk it-Tribunal iqis li l-Attur irnexxielu jipprova t-talba tieghu u mhemmx lok sabiex tintlaqa' r-raba' eccezzjoni u ghalhekk se tigi michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut u ihallas lill-Attur is-somma ta' €1,580, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*